# 10

# It-Tagħlim tal-Katekiżmu

Ngħidu x'ngħidu dwar l-attività fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù jibqa' l-fatt sagrosant li l-aktar impenn prinċipali, qawwi u kontinwu tiegħu huwa t-tagħlim tal-katekiżmu jew, kif konna nsejħulu tradizzjonalment, id-duttrina. Dan it-tagħlim ta' natura reliġjuża jwassal lit-tfal biex jitħejjew kif xieraq qabel jersqu biex jirċievu tliet sagramenti, jiġifieri l-qrar, it-tqarbin u l-griżma tal-isqof. Fl-ewwel kapitlu konna ħarisna lura biex stajna naraw kif storikament evolva dan it-tagħlim f'pajjiżna, x'diffikultajiet u limitazzjonijiet kien hawn, u x'inizjattivi ttieħdu. It-twaqqif taż-żewġ oratorji fil-Mosta, wieħed għas-subien u ieħor għall-bniet, u aktar tard il-ftuħ ta' żewġ oqsma tal-MUSEUM huma passi konkreti biex ipoġġu t-tagħlim qaddis fost it-tfal fuq bażi soda u regolari. Minn nofs is-snin tmenin 'il quddiem meta l-popolazzjoni fil-Mosta bdiet tespandi b'rata fenominali twaqqfu ċentri oħrajn ta' katekiżmu fiż-żoni residenzjali fosthom dawk f'Ta' Mlit, Sant'Andrija, Santa Margerita u fil-Bidnija. Filwaqt li t-tagħlim fiċ-ċentri l-ġodda beda jsir għal udjenzi mħalltin, jiġifieri subien u bniet flimkien, it-tagħlim fl-oratorji u fil-MUSEUM għadu jsir b'mod segregat.

F'dan il-kapitlu se niffokaw fuq it-tagħlim tal-katekiżmu fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù mis-snin ħamsin 'il quddiem. Megħjunin mir-rakkonti ta' tant katekisti lajċi li għallmu fil-klassijiet tad-duttrina, nistgħu nifhmu aħjar il-mumenti ta' sodisfazzjon u oħrajn ta' qtigħ il-qalb meta xogħlok ikun li tgħallem ir-reliġjon lit-tfal wara l-iskola. Dawn huma nies li joffru ħinhom u t-talent tagħhom bla ħlas – b'mod voluntier – biex it-tagħlimiet il-kbar tal-Bibbja u tal-Knisja jitwasslu fl-imħuħ iż-żgħar. La hi ħaġa faċli u lanqas mhi awtomatika, għalhekk huma meħtieġa l-impenn, il-ħila u s-sagrifiċċju. Fi żmienna sar meħtieġ ukoll il-kuraġġ; ħafna kuraġġ. Is-Sinodu tal-Knisja f'Malta (2003: 14) jgħid li 'l-preżenza ta' dawn in-nies hija grazzja kbira għad-djoċeżi'. Minbarra s-sehem tal-katekisti, dan il-kapitlu jinkorpora wkoll temi relatati fosthom it-titjib li sar fil-kurikulu tal-katekiżmu, kif kien isir il-famuż 'eżami' u l-bidliet gradwali fl-etajiet tal-Griżma. Nibdew l-ewwel bil-qabża minn 'duttrina' għal 'katekeżi'. Għaliex il-bidla fil-kelma? Kif il-bidla fil-kelma tirrifletti l-bidla pedagoġika?

## Duttrina u katekeżi

Il-kelma duttrina ġejja mil-Latin, '*doctrina*', u tintuża b'referenza diretta għat-tagħlim u t-tħaddim ta' prinċipji ta' xi reliġjon jew stat. Insibuha miktuba għall-ewwel darba fl-Ingilterra fi żmien medjevali għal nofs is-seklu 14. Sa minn dejjem kienet timplika t-tagħlim kollettiv ta' komunità, soċjetà, jekk mhux ukoll nazzjon sħiħ. Ħafna drabi dan it-tagħlim kien jistrieħ fuq memorja tajba ħalli l-prinċipji jkunu mgħallma bl-amment. Ma kienx importanti li wieħed jistaqsi l-kif u l-għala. L-importanti kien li wieħed jiftakar f'malajr u b'mod preċiż dak li ġie mgħallem. Maż-żmien il-fama tal-kelma 'duttrina' marret il-baħar. Fil-fatt meta llum ngħidu li xi ħadd ġie 'ddottrinat', inkunu realment qed infissru li ġie *brainwashed*, jiġifieri tneħħietlu l-fakultà li jaħseb u li jistaqsi u minflok ġie msoqqi b'tagħlim 'infallibli' li trid taċċettah kif inhu.

Għalkemm din qatt ma kienet il-fehma ta' dawk li tul is-sekli għallmu d-duttrina reliġjuża lit-tfal, imma l-istil addottat kien meħtieġ li jevolvi mas-snin. Filwaqt li t-tagħlim ta' Ġesù Kristu jibqa' bla mittiefes għal kull żmien, l-istess bħal ma huma l-kmandamenti u s-sagramenti, imma fl-istess waqt it-tonalità, l-istil u l-mezzi kellhom jinbidlu. Fuq kollox, fit-tagħlim tar-reliġjon kellu jingħata iżjed spazju u ħin fejn it-tfal (u anki l-kbar) jistaqsu, jiddubitaw, jirriflettu, jimmeditaw, jiddixxernu u jitolbu. Fi żmienna d-duttrina ma baqgħetx iżjed eżerċizzju ta' kemm jirnexxielek iżżomm f'moħħok il-prinċipji bl-amment, imma saret tfisser il-grazzja li wieħed jidħol iżjed f'intimità m'Alla l-Imbierek billi jsir jaf aktar fuqu u jidħol fi djalogu miegħu permezz tat-talb personali u kollettiv. Għalhekk illum il-Knisja warrbet il-kelma 'duttrina' u minflok saret tuża l-kelma 'katekeżi'li minbarra li jgħallem l-istess prinċipji, jgħin lill-bniedem biex isir jaf aħjar, u mill-qrib, lil Alla. Fid-daħla tiegħu għall-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħid li,

> Il-Katekiżmu jrid jagħti bil-fedeltà kollha u b'mod organiku t-tagħlim tal-Iskrittura, tat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja u tal-Maġisteru awtentiku, flimkien mal-wirt spiritwali ta' Missirijiet il-Knisja u tal-Qaddisin biex jiftiehem aħjar il-misteru tal-Knisja u tissaħħaħ il-fidi tal-Poplu ta' Alla. Irid iqis b'liema mod l-Ispirtu s-Santu għen il-Knisja tul iż-żminijiet fl-iżvilupp tad-duttrina nisranija. Irid ukoll jgħin biex il-fidi titfa' dawl fuq qagħdiet ġodda u problemi li fl-imgħoddi ma kinux jeżistu. (Ġwanni Pawlu II, 1992).

F'dan il-kuntest ġdid, it-tagħlim tal-katekiżmu ma baqax aktar impenjat biss f'li jgħallem id-dommi u l-parabboli, imma sar aktar interessat kif jgħallem lit-tfal japplikaw dawn id-dommi u l-parabboli f'ħajjithom. Il-fidi ma baqgħetx biss sett ta' prinċipji li trid titgħallem bl-amment, imma sett ta' prinċipji li trid tapplikahom f'ħajtek għax Alla ma tkellimx biss permezz tal-Bibbja u mbagħad tebaq fommu. Anzi bil-maqlub! Għadu jkellimna permezz tal-persuni u tal-ġrajjiet li ngħaddu minnhom ta' kuljum. Din it-trasformazzjoni gradwali fit-tagħlim tar-reliġjon, partikolarment wara l-Konċilju Vatikan II, kellha ġġib diversi bidliet fl-attitudni u l-modi ta' kif it-tfal bdew jitgħallmu fl-Oratorju bejn is-snin ħamsin u llum. Iżda minkejja t-tibdil kollu fis-semantika u l-pedagoġija, aħna l-Maltin xorta bqajna nużaw it-terminu 'duttrina' fit-taħdit ta' kuljum.

## Sehem il-katekisti u l-ballun

It-tagħlim tad-duttrina fl-Oratorju kien isir fit-tmien klassijiet oriġinali tas-sular t'isfel, sakemm fl-1961 bdew telgħin il-klassijiet il-ġodda fit-tieni sular, l-ewwel fuq il-lemin, u ftit snin wara fuq ix-xellug (ara kapitlu 9). Għalkemm l-Oratorju Qalb ta' Ġesù minn dejjem kien maħsub bħala ċentru tas-subien, imma tul l-istorja tiegħu nsibu diversi snin meta l-bniet Mostin ukoll kienu jitgħallmu fih.

> Mill-1948 bdew jitniżżlu l-ismijiet tat-tfal bniet li rċevew il-Griżma tal-Isqof. Maġenb l-isem hemm id-data tat-twelid tat-tifla, isem il-ġenituri tagħha, isem il-parrina u mnejn kienet il-parrina. Il-listi tal-bniet f'dan ir-reġistru [tal-Oratorju] jwasslu sal-1959. Jidher li l-aħħar lista mhix komplita. Il-listi tal-bniet ġew kumpilati minn xi ħaddieħor, mhux minn Dun Karm [Sciberras], għax il-kalligrafija mhix tiegħu. (Anthony Camilleri, 1990: 33/4)

Sal-aħħar tal-erbgħinijiet baqgħet il-prattika antika li s-sagramenti tal-preċett u tal-Griżma jingħataw fl-istess jum. Fil-ħamsinijiet, imbagħad, il-griżma bdiet tingħata sena wara l-preċett. Fis-sebgħinijiet, filwaqt li l-preċett baqa' jingħata ta' seba' snin, l-età tal-griżma għoliet għal disgħa jew għaxar snin. Wara s-Sinodu Djoċesan (2000-2003), il-grizma qiegħda issa tingħata meta t-tfal ikunu saru adoloxxenti ta' 12-il sena. Dan bl-iskop li t-tifel u t-tifla jkunu aktar imħejjija għal dan is-sagrament ta' maturazzjoni fil-ħajja nisranija u, fl-istess waqt, ikunu jafu aħjar x'inhuma l-implikazzjonijiet li tkun xhud ta' Ġesù Kristu fil-ħajja pubblika.

Il-katekisti fl-Oratorju kienu jkunu saċerdoti, sorijiet u lajċi, iżda maż-żmien is-saċerdoti nqatgħu għal kollox minn ġol-klassijiet, in-numru ta' sorijiet niżel ħafna tant li llum hemm biss xi tnejn, waqt li x-xogħol kollu beda issa jistrieħ fuq il-lajċi. Mhux faċli li tidħol għal din il-biċċa xogħol li titlob impenn mill-individwu għal mill-anqas disa' xhur kull sena,

> Għal ħafna snin id-duttrina konna ngħallmuha għal erba' darbiet fil-ġimgħa. Il-Ħamis biss le. Imbagħad ġiet darbtejn fil-ġimgħa kif qegħdin illum. Mhux faċli li ssib katekisti ġodda. Irid ikollok id-disponabbiltà, il-ħila li żżomm il-klassi u l-abbiltà ta' kif timmaniġġja l-istress. Jekk jisħlu jirkbuk, ikun spiċċa kollox għall-katekist u għat-tfal infushom. (Agnes Falzon, 2015)

Dun Anġ kien ikun dejjem attent biex meta jilmaħ lil xi ħadd li f'għajnejh jidher kapaċi għal mat-tfal fil-klassi, jistiednu ħalli jiġi jgħallem l-Oratorju. Wieħed minn dawn it-talin huwa Paul Abela, illum jgħodd 80 sena, li f'nofs is-snin sittin kien għadu daqsxejn ta' għalliem żagħżugħ minn Ħad-Dingli,

> Fl-1967 sirt naf lil Dun Anġ bħala Direttur Spiritwali f'*Saint Joseph Technical School* ta' Raħal Ġdid, fejn illum hemm l-MCAST. Is-surmast talabni nagħtih daqqa t'id biex nippreparalu l-affarijiet għall-quddiesa mat-tfal. Meta sentejn wara żżewwiġt u ġejt noqgħod il-Mosta, Dun Anġ stedinni biex ngħinu fl-Oratorju bħala katekist u bqajt hemm

> għal 37 sena bejn l-1970 u l-2007. Sibt appoġġ kbir minn marti. Dun Anġ poġġieni bħala sostitut biex jekk ikun hemm xi katekist nieqes, jien kont nidħol minfloku. Id-duttrina kienet tibda fil-4.45pm., imma jien kont niftaħ ftit qabel l-4:00 biex it-tfal jiġu jilagħbu l-futbol qabel jidħlu għal-lezzjonijiet. Kien ikolli xi tnax-il ballun. Kont nagħmel is-superviżjoni, x'aktarx waħdi. Ġieli kien ikolli mal-mitejn tifel fil-grawnd u fuq iz-zuntier. Kont nifred il-kbar miż-żgħar u trid toqgħod b'seba' mitt għajn. Dun Anġ kien jagħtiha importanza kbira din tal-futbol. Hekk it-tfal setgħu jinġibdu lejn l-Oratorju, jiltaqgħu ma' xulxin, isibu żvog wara l-iskola u jidraw jagħmluha ma' xulxin. (Paul Abela, 2015)

## Il-qanpiena, ir-*recorder* u l-*projector*

Il-ballun kien u għadu sunnara għat-tfal, partikolarment għas-subien. Agnes Falzon qaltli li anki fi żmienna hemm tfal li għalkemm joqogħdu fil-*housing estates* fil-periferija tar-raħal, xorta jippreferu jiġu l-Oratorju minflok fiċ-ċentri l-ġodda għax 'hawn għandhom il-grawnd'. Iżda lil hinn mill-blalen, xorta waħda hemm bżonn ta' aktar kreattività biex it-tagħlim ma jkun qatt monotonu u ta' rutina. Minkejja l-limitazzjonijiet ta' flus, riżorsi u nies, l-Oratorju qatt ma qagħad lura biex idaħħal mezzi ġodda biex it-tagħlim jasal b'metodi aktar effettivi. Is-sistemi l-antiki bdew jitħalltu ma' dawk kontemporanji u flimkien nisslu stil ta' tagħlim li ħafna minna għadna niftakruh b'nostalġija ħelwa. Emidio Scicluna qatta' ħames snin, bejn l-1961 u l-1965, jgħallem id-duttrina l-Oratorju. Meta kellimtu, qalli li,

> Id-daqq tal-qanpiena huwa sagrosant fit-tagħlim tad-duttrina. Jimmarka x'ħin għandu jieqaf il-logħob tal-ballun fil-grawnd, x'ħin it-tfal jinġabru fil-klassi u x'ħin tispiċċa d-duttrina. Meta kont ngħallem jien ma kienx hemm sillabu. Konna nużaw is-sillabu tar-reliġjon tal-iskola peress li ħafna minna kienu għalliema tal-primarja. Konna nagħfsu l-iżjed fuq it-tagħlim tat-talb bl-amment. Konna ngħallmuhom ukoll il-misteri tal-fidi ħalli mbagħad jibdew jgħidu r-rużarju. Dun Anġ xtara *tape recorder* u ma' Joe Bezzina kien jirrekordja l-kummentarju ta' xi *slides*, imbagħad kien juri l-films fis-sala u jdaħħal it-tfal kollha. (Emidio Scicluna, 2015).

Dwar dan l-imbierek *tape recorder*, fost l-ewwel injezzjonijiet ta' teknoloġija fid-duttrina, jitkellem ukoll Abel Galea,

> Dun Anġ kien xtara *projector* u b'idejna konna ndawru stampa wara l-oħra għal fuq skrin kbir waqt it-tagħlim tad-duttrina. Kien xtara ukoll *tape recorder*. Allura Dun Anġ kien jirrekordja t-tagħlim ta' dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-istampa li tkun qed tidher minn fuq il-*projector*. Fir-rekording konna ndaħħlu vuċijiet differenti u daqq ta' mużika addattata biex il-lezzjoni ssir iktar interessanti għat-tfal. Dan it-*tape recorder* kien jintuża wkoll waqt reċti, rappreżentazzjonijiet fuq il-palk u xi attivitajiet oħra. (Abel Galea, 2015)

Mhux biss l-i*slide projector* u t-*tape recorder* sabu rwieħhom fil-klassijiet tal-Oratorju, imma wkoll il-magna li kienet iddawwar il-filmini u li Dun Anġ kellu bokka biha li ma ngħidlekx kemm! Kienet tinsatar f'kaxxa tal-injam u trid toqgħod attent kif iċċaqlaqha li ma tmurx taqtgħalha l-bozza għax kienet tiswa kemxa flus ġmielha. Min jaf kemm hawn tfal Mostin, illum xjuħ u adulti, li raw kemm-il filmin minn fuqha fl-Oratorju!

> Dun Anġ kien jafdali l-magna ALDIS u permezz tagħha kont nuri filmini fuq suġġetti varji, ngħidu aħna l-Ewkaristija jew il-parobboli jew id-doni tal-Ispirtu s-Santu jew il-ħajja ta' Dun Bosco. It-tfal kienu jħobbu l-iżjed l-avventuri ta' Bambo, tifel tal-missjoni li għadda minn diversi ġrajjiet sakemm laħaq saċerdot. Kont indaħħal il-klassi fil-kappella u noqgħod nikkummenta fl-istess waqt li kont indawwar l-filmini. Kull filmin kellu fuljett tiegħu bil-kummentarju bit-Taljan. Jien kont naqilbu bil-Malti. Dun Anġ kien juża din il-magna fil-kaxxa tal-injam anki fl-iskejjel. Jien ma kellix vuċi b'saħħitha bħal tiegħu u għalhekk kien jagħtini l-*microphone*. (Paul Abela, 2015)

## Sillabu u gwida

It-titjib fit-tagħlim tal-katekeżi nisranija ma jitkejjilx biss minn kemm jirnexxielek iddaħħal lit-teknoloġija fil-klassi imma, iżjed minhekk, minn kemm kollox jitmexxa b'ordni sistematika u b'kontenut li jipprogredixxi b'mod gradwali. Mal-mixja tas-snin, il-Knisja f'Malta waqqfet il-Kummissjoni Kateketika li, fost għanijiet oħrajn, hija responsabbli mit-tħejjija tas-sillabi u t-testi għal kategoriji differenti ta' katekeżi fid-diversi ċentri tad-duttrina. Dan wassal għall-istandardizzazzjoni tat-tagħlim u kull katekist beda issa jimxi fuq gwidi djoċesani li jmexxuh sena wara sena fit-tħejjija għas-sagramenti. Agnes Falzon, katekista b'aktar minn 27 sena ta' servizz, qaltli li din l-innovazzjoni kienet tabilħaqq importanti biex it-tfal kollha jitgħallmu l-istess affarijiet, indipendentament mill-għalliem li jkollhom magħhom. Filwaqt li jaqbel magħha, Paul Abela qalli ukoll li mal-introduzzjoni tas-sillabu kien imniedi wkoll it-taħriġ għall-katekisti,

> Il-knisja bdiet torganizza l-korsijiet għall-katekisti fis-sebgħinijiet. Kien imexxihom Dun Mario Camilleri mill-Mosta fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana. Il-kotba ta' gwida kienu bdew jingħataw f'idejn il-katekisti, imma eventwalment bdew jitqassmu fost it-tfal ukoll. Meta konna nibdew id-Duttrina f'Ottubru, it-tfal kienu jkunu mitluba jagħtu donazzjoni ċkejkna għall-Oratorju biex jieħdu l-ktieb. Kulħadd kien jagħti, imma meta kien ikun hemm xi eċċezzjoni u kont ngħid lil Dun Anġ, kien jgħidli 'Tatix kas!' Hekk seta' jkun standardizzat it-tagħlim. Kollox beda jsir bi programm skedat. (Paul Abela, 2015)

## Il-famuż eżami

Għalkemm issa kulħadd kien kburi li kellu l-ktieb tad-duttrina f'idejh, imma ma nistgħux ngħidu li mhux kulħadd kien għadu jibża', min ftit u min wisq, mill-famuż eżami li kellna nagħmlu qabel nersqu għall-preċett u mbagħad qabel nirċievu l-griżma tal-isqof. Dan l-eżami kien speċi ta' test verbali li jsir ftit qabel kull sagrament ħalli jkun ippruvat li t-tifel tgħallem dak li kellu jitgħallem. Ġrajja li ma ninsa qatt hija ta' meta Dun Anġ għamilli l-eżami tal-griżma u kien staqsieni biex ngħidlu l-kmandamenti. Bit-tferfir li kelli tfixkilt u għandu jkun għedthomlu mgerrfxin, barra li ħallejt xi tnejn barra. Dun Anġ neħħa n-nuċċali minn quddiem għajnejh u qalli, 'Mur ibni, mur studjahom sew għand ommok u erġa' ejja l-ġimgħa d-dieħla'. Ma kienx għaddieni mill-ewwel u kien dewwaqni x'jiġifieri l-uġigħ fl-istonku minħabba l-biża' msemmen mill-eżamijiet! Niftakar ukoll meta xi tnax-il sena warajja kien tela' kuġinuwi quddiem Dun Anġ biex jagħmillu l-eżami tal-preċett. Meta staqsieh il-mistoqsija klassika, 'X'ħalaq Alla?', dan l-imbierek kuġin, minn tant affarijiet, wieġbu 'il-pitirossi!' Jien ma nafx x'kienet ir-reazzjoni ta' Dun Anġ, naf biss li m'għaddiehx u reġa' sejjaħlu għal darb'oħra. Xtaqt inkun imqar nemusa indur mat-tubu biex ikun nista' nara jekk lil Dun Anġ irrabjahx jew faqgħux bid-daħk dakinhar!

B'danakollu mhux Dun Anġ biss kien jamministra l-eżamijiet. Għal snin twal kien responsabbli minnhom il-katekist Paul Abela li kien jaddotta sistema ta' punti ħalli jagħmel il-qalb lit-tfal. Meta kellimtu fuq hekk irrakkontali b'liema ħlewwa kien jitratta lit-tfal waqt is-siegħa tal-prova,

> Għall-preċett, kull katekista kienet tibgħatli sitta jew tmienja kull darba. U konna npoġġu madwar il-mejda ta' taħt l-abbozz ta' Santa Marija. U nibdew bir-radd tas-salib. Wara kont insaqsihom domandi ħfief ħalli jtellgħu l-punti. Imbagħad nistaqsi fuq is-sagrament tal-qrar - kif inħejji ruħi għal qrara tajba? u kif nagħmel att ta' ndiema? Wara kont nistaqsihom fuq l-aħħar ċena – min kien hemm mal-mejda? x'kielu dakinhar? u l-bqija. U fl-aħħar kont niġi għat-tqarbin u kont nistaqsihom x'titolbuh lil Ġesù wara t-tqarbin. Kont irrid li joħorġu bix-xewqat personali tagħhom. Hekk jibdew jidraw jitolbu skont iċ-ċirkostanzi ta' ħajjithom. Kienu jinżlu bil-biża' għall-eżami, imma mbagħad jitilgħu sparati 'l fuq ferħanin daqskemm ikun irnexxielhom iġibu punti.
>
> Fil-griżma, imbagħad, kont nibda b'reviżjoni ta' dak li kienu tgħallmu għall-preċett, speċjalment fuq il-qrar u t-tqarbin. Kont nagħfas fuq il-bqija tas-sagramenti, imma mbagħad kont niffoka l-iżjed fuq il-kmandamenti. Kont inġibilhom ħafna sitwazzjonijiet tal-ħajja li huma familjari magħhom ħalli huma jirrispondu x'kienu jagħmlu kieku jsibu rwieħhom fihom. Hekk jitgħallmu jieħdu d-deċiżjonijiet. (Paul Abela, 2015)

Iż-żmien isajjar u jwaqqa' l-bajtar minn mat-tina, u hekk ukoll ġie żmien aktar riċenti meta l-eżamijiet twaqqgħu mis-sistema kateketika. Agnes Falzon spjegatli x'jiġri llum fl-aħħar stadju qabel is-sagrament,

> L-eżami twaqqaf minn mindu l-età tal-griżma telgħet għal tnax-il sena. Issa minflok l-eżami nagħmlulhom seminar ta' nofstanhar f'post barra l-Mosta. Qisu rtir. Nibdew b'quddiesa u wara ninqasmu fi gruppi għal *workshops*. Dan jagħti lok għal iżjed diskussjoni fi gruppi żgħar. Fl-aħħar nispiċċaw bit-talba tal-għeluq. Għal dan is-seminar jiltaqgħu t-tfal kollha taċ-ċentri kollha tal-Mosta. Per eżempju dis-sena [2015] se nkunu 170. (Agnes Falzon, 2015)

## Sehem il-ġenituri

Minkejja kollox, l-ewwel u l-aqwa tagħlim jingħata mid-dar, fil-familja. Ftit ikun ta' siwi meta l-għalliema jgħallmu fl-iskejjel u l-katekisti jħambqu fl-oratorji, jekk it-tfal ma jsibux ambjent tajjeb id-dar. Il-ġenituri għandhom id-dmir li jiġbdu l-istess ħabel tal-għalliema u l-katekisti ħalli ż-żerriegħa tat-tagħlim issib art fertili fejn tixxettel u tissaġġar. Mhux ta' b'xejn li Dun Anġ kellu dejjem appell imqanqal lill-ġenturi biex huma wkoll jifhmu l-irwol importanti tagħhom 'fl-iskola ta' Ġesù',

> Irid ikun hemm il-ħidma kontinwa ta' ħafna mill-Poplu t'Alla: l-ewwel u qabel kulħadd dik tal-ġenituri. Il-ġenituri jridu jitgħallmu, għax s'issa għadhom ma tgħallmuhiex, li d-duttrina mhix għall-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma tal-Isqof biss iżda tibda mill-ewwel sena u tibqa' sejra sas-sitt sena biex ma nsemmux meta wliedhom jibdew l-iskola sekondarja. (*Il-Mosta* 134, 1989: 2)

Fl-okkażjoni tas-sena kateketika 1988-1989, Dun Anġ kiteb appell imqanqal lil kull min huwa involut fl-edukazzjoni nisranija tal-ulied,

> Biex tibni trid l-ewwel titgħallem tibni. Min jibni fuq ir-ramel imur ifittex u ma jsib xejn; iżda min jibni fuq is-sod, il-bini mhux se jiġġarraf kif ġieb u laħaq. Għalhekk irridu lkoll kemm aħna – saċerdoti, katekisti u ġenituri – naħdmu id f'id għall-ġid ta' wliedna u għad-duttrina nagħmlu kull sagrifiċċju. Dun Bosco ħareġ bi frażi ta' erba' kelmiet: 'Ċittadin onest għax Nisrani tajjeb'. Mela tiswa d-duttrina, mhux ma tiswiex. (*Il-Mosta* 131, 1988: 1).

Meta staqsejt lill-katekisti dwar liema bidliet raw fit-tfal minn meta bdew jgħallmu huma sal-lum, it-tnejn qablu bejniethom li l-ġenituri m'għadhomx dawk li kienu qabel. Fejn qabel it-tifel kien isib lil min iħeġġu mid-dar biex imur l-Oratorju jitgħallem, illum ħafna jibagħtuhom b'nofs qalb jew għax ta' bilfors,

> It-tfal tal-lum totalment differenti minn dawk li kont bdejt ngħallem 25 sena ilu. Għalkemm fil-klassi kienu jkunu aktar, kien ikun hemm aktar interess. Illum tingħata importanza għal kollox bħal sports, żfin u kant, imma d-duttrina dejjem l-aħħar. Dan hu rifless anki fil-quddiesa ta' kuljum qabel l-iskola, lanqas lil tal-preċett m'għadhom iġibuhom. (Agnes Falzon, 2015)

> Ħafna mill-aħħar ġenerazzjonijiet ta' tfal li għallimt kienu jiġu bilfors. Ma baqgħux isibu s-sapport u l-inkoraġġiment minn tad-dar biex jattendu. Qabel id-duttrina kienet kalamita ta' gost, issa saret donnha piż żejjed. L-ewwel edukazzjoni mid-dar, allura jekk l-omm u l-missier ma jħajrux lit-tfal biex imorru l-Oratorju, l-affarijiet isiru aktar diffiċli fil-klassijiet tad-duttrina. (Paul Abela, 2015)

## Konklużjoni

Hawn tasal fi tmiemha l-ħarsa ħafifa li tajna lit-tagħlim tal-katekiżmu fl-Oratorju. Din id-darba ma enfasizzajtx fuq l-istatistika u d-dati għax striħajna aktar fuq l-esperjenzi ta' dawk li taw, u għadhom jagħtu, ħafna minn ħinhom biex jgħallmu lit-tfal. Ma' dawn insemmu wkoll lil Miriam Porter li għal dawn l-aħħar 48 sena għamlitha ta' katekista. Bdiet meta kellha sbatax-il sena u għadha attiva sal-lum. Insemmu wkoll lill-koppja Speranza u Tony Spiteri li qdew dan l-appostolat fl-Oratorju għal diversi snin. Magħhom jingħaqdu ħafna oħrajn li, għalkemm ma nistgħux insemmuhom b'isimhom minħabba limitazzjoni ta' spazju, irridu nirringrazzjawhom u nitolbu għalihom, kemm jekk għadhom ħajjin u kemm jekk mietu. Jalla l-Mulej jibqa' jsejjaħ aktar lajċi biex jgħallmu lit-tfal fl-oratorji, fl-oqsma mużewmin u fiċ-ċentri pastorali. Kull tagħlim tajjeb huwa għajn ta' kull ġid, mhux l-anqas it-tagħlim tar-reliġjon li jqarreb lill-bniedem lejn Alla li ħalqu. Il-katekisti huma pern kruċjali fl-operat tal-Oratorju, għalhekk, huwa dejjem tajjeb li jibqa' jsir investiment fihom u li l-parroċċa tibqa' konoxxenti għall-impenn tagħhom.

Fil-kapitlu li ġej se ninkwadraw organu ieħor Oratorjan li nbeda minn Dun Anġ ftit tas-snin wara li ħa f'idejh id-direzzjoni ta' dan iċ-ċentru. Qegħdin nirreferu għall-gazzetta *Il-Mosta* li kif għad naraw kienet pubblikazzjoni importanti mhux biss għall-Oratorju li ħoloqha u amministraha, imma wkoll għall-parroċċa kollha tal-Mosta u għal Malta.